# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 13 ta' Lulju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Annise Bejaoui**
**Christopher Scerri**

**Kumpilazzjoni Nru: 322/2018**

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmija:

**Annise Bejaoui**, ta' 29 sena, imwieled Pieta', nhar it-23 ta' Lulju, 1989 bin Driss Ben u Grace nee' Xuereb, u residenti fil-fond numru 23, Saint Mary Street, Hamrun u detentur tal-Karta ta' l-Identita' 387889(M); u

**Christopher Scerri** ta' 37 sena, imwieled il-Pieta', nhar it-30 ta' Dicembru, 1980, bin Ronald u Alexandra nee' Zerafa, residenti Dar ir-Risq, Block C, Flat 8, Triq it-Tarzna, Isla u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 770181(M).

Akkuzati talli:

1. Nhar il-21 ta' Mejju, 2018, minn gewwa Triq Dun Manwel Zammit, Siggiewi, u f'dawn il-Gzejjer, ikkommettew serq, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda ma' jeccediex l-elfejn u tlett mija u disgha u

ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bil-hin ghad-detriment ta' Antione Grima, Joseph Grima, Grima Concrete Supplier Ltd u/jew persuni u entitajiet ohra.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra Malta jew xjentement kull mod li jkun indahhlu sabiex ibieghhom jew imexxuhom ghad-detriment ta' Antione Grima, Joseph Grima, Grima Concrete Supplier Ltd u/jew persuni u entitajiet ohra.

Lil **Annise Bejaoui** wahdu huwa akkuzat talli:

3. F'l-istess lok, hin, u cirkustanzi kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest datat 21 ta' Mejju, 2015.

   Il-Qorti, giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati addebitati, tirrevoka contrario imperio d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat 21 ta' Mejju, 2015 u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Annise Bejaoui. Kif ukoll tordna li s-somma ta' ghaxart Euro, bhala garanzija personali li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favaur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba li titratta l-imputati bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati u ikkundannat ghal reati, b'sentenzi ta' reati Maltin, liema sentenzi saru definittivi.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali[1] permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja.

**Fil-konfront ta' l-imputat Annise Bejaoui** kif mahsub f'l-artikoli:

- 20, 31, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(100)(2), 281(a), 284, u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghall-artikolu 279(a);
- 31, 49, 50, u 289(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 579(1)(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 382A, 383, 384, 385, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 7, 8, 11, 16, 17, 19, 20, 22, 23, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U **fil-konfront ta' l-imputat Christopher Scerri** kif mahsub f'l-artikoli:

[1] A fol 248.

- 20, 31, 261(b)(c)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278(1)(2)(3), 279(a), 280(100)(2), 281(a), 284, u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'referenza ghall-artikolu 279(a);
- 31, 49, 50, u 289(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 382A, 383, 384, 385, 386, u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 7, 8, 11, 16, 17, 19, 20, 22, 23, u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza titkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz ta' serq li allegatament sehh fil-21 ta' Mejju 2018.

**Il-Provi Prodotti**

Illi resqu diversi ufficjali tal-pulizija bhala xhieda fil-kors ta' dawn il-proceduri:

- **PS 362 Wayne Borg**[2] jghid li fil-lejl in ezami meta kien qieghed xoghol l-ghassa ta' Hal Qormi cempel xi hadd biex jghidilhom li kien ra lil xi hadd jiehu affarijiet minn sit ta' kostruzzjoni s-Siggiewi li tpoggew go vettura ta' tip Nissan Micra b'numru ta' registrazzjoni RON 199; dawn l-oggetti kienu mpoggija fil-vettura pero jidhru hiergin mis-seat ta' wara. Din il-persuna segwiet in-Nissan mis-Siggiewi ghal Haz-Zebbug u Hal-Qormi sa kemm spiccaw il-Marsa; pero hemm tilifhom. Marru pulizija tad-distrett, inkluz ix-xhud, kif ukoll ta' l-RIU fuq il-post biex ifittxu din il-vettura; l-ewwel li sabu l-vettura kienu ta' l-RIU. Ix-xhud wasal hdejn il-vetttura li kienet go binja, ipparkjata wicca 'l barra bil-bagoll miftuh gewwa nett tal-garaxxijiet u ma' l-art ma genbha kien hemm it-travetti; fuq il-vettura kien hemm trab relatat mat-travetti. Fuq il-post mal-pulizija kien ukoll iz-zewg imputati.

- **PC307 Alessandro Vella**[3] jispjega li fil-lejl in ezami, ghall-habta tal-hdax u nofs, hu u l-kollega tieghu PC1391, it-tnejn mit-taqsima ta' l-RIU, kienu fuq ronda il-Marsa u fi Triq is-Serkin, waqqafhom ragel, li xtaq jibqa anonimu, li qallhom li kien qieghed f'sit ta' kostruzzjoni s-Siggiewi u ra zewg irgiel jghabbu xi travetti go karozza; beda jsegwihom sa kemm waslu l-

[2] Depozizzjoni a fol 105 et seq.
[3] Depozizzjoni a fol 56 et seq.

Marsa, hemm pero tilifhom u meta ra lill-pulizija waqqafhom. Dan ir-ragel tahom deskrizzjoni tal-vettura inkluz in-numru ta' registrazzjoni (RON 199). Ix-xhud u l-kollega baqghu jaghmlu patrol f'dawk l-inhawi u anke dahlu f'kull sqaq. F'hin minnhom raw il-vettura li kienent giet deskritta lilhom f'bitha garaxxijiet; il-vettura kienet fuq wara nett ipparkjata wiccha 'l barra u hdejn il-vettura kien hemm l-imputati; xi tlett piedi 'l boghod mill-vettura iserrhu mal-hajt tal-garaxxijiet kien hemm it-travetti. Meta l-imputati indunaw bil-pulizija Bejaoui beda miexi lejhom u kkonfrontahom u beda jghdilhom "*x'gara?*". Meta x-xhud u l-kollega tieghu resqu lejn il-vettura nnutaw it-travetti li kien semma dak ir-ragel; kienu hdejn il-karozza ma'l-art. Sadanittant l-imputat l-iehor Scerri kien qed jilghab mal-lock tal-vettura. Mistoqsi x'kienu qed jaghmlu hemm dak il-hin l-imputat Bejaoui rreagixxa billi jistqsi "*ma nistawx inkunu hawn?*". Mistoqsi jekk kellux xi garaxx hemm Bejaoui qal li le. Meta waslu aktar pulizija fuq il-post PC307 ghamel tfixxija fil-karozza (li kienet registratat fuq l-imputat Scerri) u fuq l-imputat Scerri. Fil-vettura innota li s-seats ta' wara kienu mnizzlin u fin-nofs tas-seat kien hemm trab u hmieg tat-travetti.

- **PC 1391 Matthew Camilleri**[4] da parti tieghu jikkonferma li meta kienu qeghdin il-Marsa waqqfithom persuna li qallhom li kien qed isegwi zewg persuni li kienu qeghdin fil-vettura Nissan Micra b'numru ta' registrazzjoni RON 199 u li kien ilu jsegwihom mis-Siggiewi; hu kien rahom hiergin minn binja b'xi travetti. Ix-xhud ikkonferma li ghamlu ronda u f'bitha garaxxijiet, fuq wara nett, lemhu l-vettura u zewg rgiel, l-imputati; wiehed (Scerri) kien wara tal-vettura qed jaghlaq il-bagoll, u l-iehor (Bejaoui) kien kokka qed jaghmel xi haga hdejn il-bieba tal-passiggier. Mistoqsija x'kienu qed jaghmlu hemm l-imputati qalu li kienu hemm minhabba l-garaxxijiet u z-zwiemel; pero zwiemel ma kellhomx. Ix-xhud ikkonferma li ma' l-art wara l-vettura kien hemm travetti; fil-vettura innota ukoll li kien hemm trab bil-forma tat-travetti u kien hemm ukoll grif fuq il-bicca tal-plastik ta' wara li jkun hemm mal-bagoll. PC1391 specifika li meta waqqafhom dak ir-ragel ic-control room kienu ghadhom ma infurmahomx b'dak li kien gara ghaliex dak ir-ragel kien ghadu kif cempel. In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li huwa ma rax lill-imputati ihotti t-travetti ghaliex meta wasal hu u l-kollega tieghu it-travetti diga kienu qeghdin ma' l-art. Zied ukoll li fuq it-travetti u fuq il-flokk ta'l-imputat Bejaoui kien hemm trab abjad tal-gebel u li t-travetti li raw ma'l-art kienu jaqblu ezatti mad-deskrizzjoni li tahom dak ir-ragel. Aktar minn hekk ix-xhud zied li l-imputat Bejaoui ammetta mieghu li ha it-travetti pero ma ridx jghidlu ghalfjen minhabba s-sigurta tieghu.

- **PS 1502 Richard Grech**[5] jghid li wara li gie infurmat b'dak li kien qed jigri mill-kollegi f'l-ghassa ta' Hal-Qormi mar il-Marsa fejn kien hemm kollegi mit-taqsima ta' l-RIU u l-imputati. Huwa kkonferma li kien hemm vettura

[4] Depozizzjoni a fol 109 et seq.
[5] Depozizzjoni a fol 40 et seq.

ta' tip Nissan Micra ta' kulur ahmar, b'numru ta' registrazzjoni RON 199, li kienet irriversjata go dahla twila; kien hemm travi mahrugin 'l barra fuq wara tal-karozza. Huwa kien gie infurmat b'l-informazzjoni anonima li kienet inghatat lill-pulizija u mill-verifiki li ghamel irrizulta li l-vettura li dwarha sar ir-rapport kienet l-istess wahda li kienet fid-dahla. Ix-xhud jghid li fuq is-seats tal-vettura huwa seta' jinnota trab tat-travetti u anke kien hemm grif fuq il-glove compartment li huwa deherlu li gie ikkawzat mit-truf tat-travetti. Kompla jisjega li kien hemm sebgha travetti ta' tmien jew ghaxar piedi, u kien hemm hamsa ohra ta' xi zewg piedi u nofs jew tlett piedi. Dawn it-travetti ttiehdu mill-pulizija. L-ghada fil-ghodu sar kuntatt ma' wiehed mis-sidien tas-sit ta' kostruzzjoni minn fejn ittiehdu t-travetti, Josef Grima, u wara li gharaf it-travetti bhala tieghu, gew mghoddija lilu. Ix-xhud qal li Grima gharafhom mill-kulur ahmar u l-hadma taghhom ghaliex kienu jaghmuhom huma stess it-travetti. Ix-xhud zied li t-travetti kienu propjeta ta' Grima Concrete, socjeta kummercjali tat-tlett ahwa Grima; Josef Grima kien dak li mar biex jidentifika t-travetti fil-waqt li Antione Grima kien dak li ta stima lix-xhud. PS 1502 ikkonkluda billi qal li huwa kien acceda ukoll fuq is-sit ta' kostruzzjoni minn fejn ittiehdu t-travetti; hu innota li x-xatba minflok katina kienet maghluqa b' wire u gebla biex izommha qisha sokjuza. Ix-xhud hejja rapport dwar l-incident (PIRS report) li gie esebiet[6]; flimkien ma' dan ir-rapport hemm ir-ritratti li ha x-xhud.

- **PS274 James Turner**[7] jghid li kien inghata struzzjonijiet biex jaghmel kuntatt mal-kuntrattur tas-sit cioe Antione Grima. Ix-xhud fil-fatt mar fuq is-sit u hemm Grima allega li l-katina tal-gate kienet imqaccta pero ma setghax jghid x'kien insteraq ghaliex ma kellhomx inventarju ta' l-affarijiet li kienu fuq il-post. Grima pero seta' jiddentifika t-travetti minhabba t-tip taz-zebgha u l-kulur li juzaw huma. Ittiehdu ritratti tas-sit liema ritratti gew esebiti waqt id-depozizzjoni ta' PS 274[8]. Ix-xhud qal ukoll li minn verifiki li ghamel l-imputat Annise Bejaoui kien obbligat jiffirma kuljum l-ghassa tal-Hamrun, u hekk kien qed jaghmel, u kien obbligat ukoll jirrinkaza bejn nofs il-lejl u s-sebgha ta' fil-ghodu. In kontro-ezami x-xhud specifika li mhux il-katina kienet imqaccta imma l-katnazz tal-katina. Fil-mument li ittiehdu ir-ritratti l-katina kienet imwahhla temporanjament bil-fildiferru. Zied ukoll li meta kienu qed ikellem lil Antione Grima fuq is-sit kmieni fil-ghodu, Grima ma setghax jghid bi precizzjoni x'kien insteraq. Ikkonferma ukoll li Grima ikkonferma biss li kien sab il-katnazz imqaccat.

- **L-ispettur Roderick Agius**[9] da parti tieghu spjega li l-ewwel li gie infurmat bil-kaz kien pemezz ta' PS 1502, li qallu li l-ghassa ta' Qormi kienu gew infurmati mill-control room li kien hemm persuna maskili fuq it-telephone u

[6] Dok RG1a fol 47.
[7] Depozizzjoni a fol 77 et seq.
[8] Dok RA7 a fol 87.
[9] Depozizzjoni a fol 62 et seq.

din il-persuna kienet qed tghaddilhom informazzjoni rigward serqa. Huwa ta struzzjonijiet biex is-sit minn fejn ittiehdu t-travetti jibqa taht il-kontroll tal-pulizija matul il-lejl. L-ispettur Agius spjega ukoll li l-imputat Bejaoui kien gie mghoti helsien mill-arrest fi proceduri ohra u wahda mill-kundizzjonijiet kienet li jirrinkaza sa' nofs il-lejl. Wara li l-imputati gew arrestati huwa ha l-istqarrija taghhom. L-ispettur Agius prezenta ukoll[10] dikjarazzjoni ffirmata mill-imputat Bejaoui rigward informazzjoni mghotija lilu dwar id-drittijiet legali tieghu[11].

- **PC959 Daniel Formosa[12],** huwa stazzjonat fit-taqsima forensika, inghata struzzjonijiet biex jaccedi fuq il-post (il-Marsa) u jiehu ritratti. Huwa fil-fatt hekk ghamel u prezenta rapport ta' dak li ghamel bir-ritratti inkluzi.[13]

- **L-iSpettur Shawn Friggieri[14]** li prezenta
    - Kopja ta' degriet datat 21 ta' Mejju 2015 permezz ta' liema l-imputat Bejaoui kien inghata helsien mill-arrest f'proceduri ohra[15].
    - Kopja ta' zewg sentenzi mghotija fil-konfront ta' l-imputat Bejaoui datati 17 ta' Marzu 2016[16] u 11 ta' Mejju 2017[17] rispettivament.
    - Kopja ta' zewg sentenzi mghotija fil-konfront ta' l-imputat Scerri datati 11 ta' Jannar 2013[18] u 6 ta' Awissu 2018[19] rispettivament.

- **L-Ispettur Kylie Borg**[20] li prezentat:
    - Sentenza mghotija fil-konfront ta' l-imputat Bejaoui fis-26 ta' Novembru 2018[21]; din is-sentenza inghatat f'proceduri li fihom Bejaoui kien inghata helsien mill-arrest.
    - Ricevuta rilaxxjata minn Josef Grima meta huwa nghata t-travetti in ezami[22].
    - Stima mahruga minn Antione Grima[23].

- **L-Ispettur Sarah Magri**[24] li kkonfermat li d-degriet datat 21 ta' Mejju 2015 esebiet mill-Ispettur Friggieri huwa degriet mghoti fil-konfront ta'l-istess imputat Bejaoui u li l-kundizzjonijiet hemm elenkati qatt ma gew verjati. Hija spjegat ukoll li l-proceduri li fihom inghata dak id-degriet kienu gew decizi s-

[10]F'depozizzjoni sussegwenti a fol 182.
[11] Dok RA8 a fol 186.
[12] Depozizzjoni a fol 119 et seq.
[13] Ref Dok DF1 a fol 122 et seq.
[14] Depozizzjoni a fol 146.
[15] Dok SF1 a fol 148.
[16] Dok SF2 a fol 149.
[17] Dok SF3 a fol 154.
[18] Dok SF4 a fol 158.
[19] Dok SF5 a fol 159.
[20] Depozizzjoni a fol 229 et seq.
[21] Dok KB1 a fol 233.
[22] Dok KB2 a fol 237.
[23] Dok KB3 a fol 238.
[24] Depozizzjoni a fol 215 et seq.

sena ta' qabel, pero ma setghetx tiftakar id-data. Hija kieet qed tixhed f'l-udjenza mizmuma fit-13 ta' Frar 2019.

- **PC1230 Kevin Gaffarena**[25] li kien inkarigat biex jigbor it-travetti li nstabu mill-kollegi u johodhom il-compound tal-pulizija. Huwa ikkonferma li mar fuq il-post u gabar tnax il-travetta, sebgha kbar u hamsa izghar. Huwa iddeskrivihom bhal travetti tal-hadid jinghalqu; mistoqsi x'kulur kienu jghid li rahom naqra imsaddin, pero aktar 'l quddiem fid-depozizzjoni tieghu jghid li ma setghax jghid kienux imsaddin jew le ghax kien id-dlam pero kienu kulur tas-sadid.

Illi xehedu ukoll Antione Grima u Josef Grima:

- **Antione Grima**[26] jghid li huwa direttur tal-kumpanija Grima Concrete u xogholu huwa primarjament f'l-ufficju; huh Josef jiehu hsieb is-sites. Dan ix-xhud ma tantx kellu informazzjoni utli ghall-kaz in ezami ghaliex dak kollu li kien jaf dwar il-fatti li sehhew fil-lejl tal-21 ta' Mejju 2018 kien jafhom minn dak li irrakkontalu huh Josef. Anke il-valur ta'l-oggetti misruqa stabillih huh. Ikkonferma pero li s-sit ta' kostruzzjoni li jidher fir-ritratti Dok RA7 huwa sit fejn qed jahdmu u li f'dawk ir-ritratti jidhru travetti bhal dawk li nsterqu. Ikkonferma ukoll li t-travetti (li kienu homor) jaghmluhom huma. F'depozizzjoni sussegwenti[27] huwa kkonferma l-istima esebita u specifika li l-valur ta' seba' mitt Euro kien wiehed approssimattiv u li kien jirrapprezenta l-valur tat-travetti bhala godda.

- **Josef Grima**[28] jghid li huwa jahdem fil-kumpanija Grima Concrete Suppliers. Spjega li fil-lejl in ezami, ghall-habta tas-siegha, persuna li toqghod vicin tas-sit fejn qed jibnu fis-Siggiewi cemplitlu biex tghidlu li xi hadd kien seraqhom billi ghabba l-ghodda f'karozza u li hu (cioe il-persuna li cempel) gera warajhom sal-Marsa u li nzerta l-pulizija u li qabduhom x'imkien il-Marsa. Wara xi jumejn cemplulu (il-pulizija) biex imur jigbor l-oggetti misruqa. Mistoqsi x'kienu l-oggetti huwa qal li kien hemm travetti u xi gilders. Jghid ukoll li t-travetti taghhom jintgharfu ghaliex mizbughin qishom bir-red oxide ta' kontra s-sadid. Mistoqsi dwar in-numru ta' oggetti li nsterqu Grima jghid li huwa jaf kemm gew ritornati ghaliex impossibbli li jknun jafu bi precizjoni x'kien hemm fuq is-sit. Aktar minn hekk ikkonferma li l-katnazz li kien hemm max-xatba tas-sit kien miksur. In kontro-ezami u ghal-mistoqsija meta l-ahhar rahom fuq is-sit t-travetti u gilders misruqa, jghid li s-sit in ezami huwa kbir u travetti jkun hemm hafna u l-hin kollu jarahom.

Illi f'l-istqarrija tieghu[29] l-imputat Annise Bejaoui jghid li hu m kellu x'jaqsam xejn mat-travetti li instabu l-Marsa. Jghid li kien joqghod il-Hamrun ma' certu Joseph

[25] Depozizzjoni a fol 177 et seq.
[26] Depozizzjoni a fol 88 et seq.
[27] A fol 269 et seq.
[28] Depozizzjoni a fol 251 et seq.
[29] Dok RA5 a fol 67.

Scerri u li lil Christopher Scerri sar jafu il-habs u saru hbieb u jkunu flimkien kuljum. Mistoqsi x'kienu qed jaghmlu l-Marsa fil-hin ta'l-arrest taghhom Bejaoui jghid li kienu qed jaghmlu "*l-affarijiet personali taghhom*" u li ma kienu qed jaghmlu xejn hazin. Mistoqsi dwar it-trab li l-pulizija kienu nnutaw fuq il-hwejjeg tieghu mal-mument ta' l-arrest Bejaoui jghid li dak kien hmieg ghax kien ilu jumejn ma jinhasel. Mistoqsi dwar it-trab li kien hemm fil-vettura, Bejaoui jghid li jista' jkun li kien hemm hmieg imma trab le.

Illi l-imputat Annise Bejaoui ghazel li joffri d-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti[30]. Jghid li fil-21 ta' Mejju 2018 ltaqa' ma' l-imputat Scerri l-Hamrun u mar mieghu bil-karozza. Marru bil-karozza ghax kellha xi hsarat, fid-dawl u fil-locks, u riedu jirrangawha; u nizel l-Marsa gax ma kellux bizzejjed flus. Kien qieghed hdejn ir-remissi, mar hdejn habib tieghu jitolbu l-flus u ghall-habta ta' nofs il-lejl nieqes ghoxrin ra karozza ta' l-RIU. Xeghlet id-dawl fejn kienu hu u Scerri; kienu ghadhom kif tefghu l-karozza fin-nizla ghax kellha xi hsarat u ma setghetx tistartja. Habbat lill-habib tieghu biex jaghtih il-flus u l-ghada jkunu jistghu ikompli jirrangaw l-karozza u kien hu stess (l-imputat Bejauoi) li ghajjat lill-pulizija biex jara x'ghandhom bzonn. Il-pulizija marru fuqu u infurmawh li qieghed taht arrest. Bejaoui kompla jispjega li xi hames metri 'l hemm minnhom, fil-komun tar-remissi, kien hemm karozza bla numru, mutur, diversi ghodda, u diversi travetti. Jghid li dwar dawn l-oggetti ma jaf xejn u m'ghandux idea kif gew hemm. Aktar minn hekk jghid li fir-remissa ma kienx hemm scaffolding ghalkemm fir-ritratti esebiti in atti kien jidher l-iscaffolding. Jghid ukoll li t-travetti lanqas biss kienu joqghodu fil-karozza. In kontro-ezami jghid li dak in-nhar hu u Scerri ltaqaw ghaliex hu (Bejaoui) kien joqghod ghand persuna u Scerri kien jigi ghandu. Mistoqsi x'kellha l-karozza jghid li ma kenitx tistartja, fil-fatt biex tistartja kienu jew jimbuttawha jew ihalluha ghan-nizla u fejn kienet ipparkjata kienet ghan-nizla; l-lock tal-bieba tan-naha tax-xufier ma kienx jahdem, u kienet bla dawl. Insista li huwa kien qighed il-Marsa f'nofs il-lejl nieqes ghoxrin u kien ilahhaq jmur lura d-dar bil-miexi sa nofs il-lejl. Mistoqsi ghalfejn mar jissellef il-flus hu meta l-karozza kienet ta' Scerri jghid li ghax kienu hbieb u Scerri gieli xtrahlu xi affarijiet; jghid li kien se jissellef xi sittin Euro. Bejaoui qal ukoll li l-habib li kien ser jissellef minghandu kien qed jirranga l-post tieghu u ghalhekk kien qed jghix fir-remissa; dan il-bneidem ma lahaqx tah il-flus ghax malli marru l-pulizija Bejaoui qallu biex jidhol gewwa.

Illi f'l-istqarrija tieghu[31] l-imputat Scerri jghid li dawk it-travetti ma jafx bihom. Qal li huwa jghix l-Isla wahdu u li lill-imputat Bejaoui jafu pero ma ridx jghid fejn jafu. Fil-waqt li kkonferma li l-vettura tieghu hija Nissan Micra hamra jghid li ma jafx in-numru ta' registrazzjoni taghha. Mistoqsi x'kien qed jaghmel ma' l-imputat l-iehor qabel ma gew arrestati jghid li kien qed jirranga is-serratura tal-bieba ta' quddiem tal-karozza "*ghax ma bdetx tillokja*"; zied li kienu bil-qeghda fil-karozza waqt li kien qed isewwi is-serratura. Mistoqsi kif seta' jara jsewwi fid-dlam qal li kien qed juza t-torch tal-mobile. Mistoqsi ghalfejn minn tant postijiet ghazel li

[30] A fol 282 et seq.
[31] Dok RA 6 a fol 69.

jmur propju il-Marsa biex isewwi is-serratura ghazel li ma jwegibx. Qal ukoll li kien Bejaoui li dahhal il-karozza hdejn il-garraxxijiet u li dahhalha b'wiccha 'l quddiem ghax gieli ma kenitx tistartja u hemm kien hemm rampa.

Ikkunsidrat

## L-Imputazzjonijiet

Illi permezz ta' l-ewwel zewg imputazzjonijiet l-imputati qed jigu akkuzati b'serq aggravat bil-mezz, valur u hin u ricettazzjoni; huwa car mill-provi processwali li l-imputazzjoni dwar ricettazzjoni hija alternattiva ghal dik dwar serq. Fil-fatt il-prosekuzzjoni qed tallega li fil-lejl in ezami insterqu xi travetti minn sit ta' kostruzzjoni fis-Siggiewi u li kienu l-imputati li kkommettew dan is-serq.

Illi huwa principju bazilari li r-reita ta'l-imputati trid tigi pruvata mill-prosekuzzjoni 'l hemm minn kull dubbju dettat minn raguni. Skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-prosekuzzjoni[32]. L-istess Qorti ta'l-Appell Kriminali ccitat bran minn Lord Denning:

> *Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.* [33]

Illi provi mressqa mill-prosekuzzjoni jistghu ikun diretti jew indiretti ossia indizzjarji. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li provi indizzjarji wahedhom ukoll jistghu ikunu sufficjenti biex tinstab htija ghaliex hafna drabi *fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma aktar importanti mill-provi diretti. Izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci*[34].

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali, in tema ta' provi indizzjarji rriaffermat diversi drabi l-principju li *circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by the undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*[35].

---

[32] Ref Pulizija vs Peter Ebejer 09.12 1997.
[33] Miller vs Minister of Pension' - 1974 - 2 ALL ER 372.
[34] Ref Pulizija vs Emanuel Seisun Appell Kriminali deciz 09.08.1998.
[35] Ref R vs Taylor 21 CRIM App R 21.

Illi f'dan ir-rigward pero huwa importanti ukoll dak li precizat l-istess Qorti ta' l-Appell li

> *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other coexisting circumstances which would weaken or destroy the inference.*[36]

Illi aktar minn hekk huwa ben stabbilit ukoll li biex provi indizzjarji iwasslu ghar-reita jridu jkunu univoci, cioe` mhux ambigwi; iridu jkunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat u lill-hadd aktar mar-reat[37].

Illi dan stabbilit il-Qorti trid tevalwa l-provi prodotti biex tara jekk dawn iwasslux ghall-konkluzzjoni univoka li sehhet serqa u li kienu l-imputati u hadd aktar li kkommettew dan id-delitt.

Illi jirrizulta ampjament li l-pulizija involvew ruhhom f'dan il-kaz fuq informazzjoni mghotija minn persuna li baqghet anonima[38] u ghalhekk ma tressqitx quddiem il-Qorti biex tirrakkonta hi dak li rat. Fis-sottomissjonijiet maghmula f'isem l-imputati saret hafna emfasi fuq dan il-fatt u fuq x' motivazzjoni x'setghet kellha din il-persuna biex segwiet lill-imputati u biex cemplet lill-pulizija. Sar hafna emfasi ukoll fuq il-fatt li dak li qalet din il-persuna ma setghax jigi kkontrollat. Fir-rigward ta' dawn is-sottomissjonijiet jibda biex jinghad li rrispettivament minn kif waslet l-informazzjoni ghand il-pulizija u irrisspettivament mill-motivazzjoni li wasslet lil dik il-persunaa tirrapportaa lill-pulizija, huma kienu obbligati jinvestigaw. Aktar minn hekk jidher li l-informazzjoni mghotija lilhom kienet korretta ghaliex instabet il-vettura lilhom deskritta (inkluz in-numru ta' registrazzjoni) u nstabu ukoll l-oggetti li dik il-persuna rat jittiehdu mis-sit ta' kostruzzjoni. Aktar minn hekk gie stabbillit ukoll li l-katnazz tal-kancell li kien jaghlaq is-sit kien imqaccat.

Illi fis-sottomissjonijiet maghmula f'isem l-imputati sar emfasi ukoll fuq il-fatt li Josef u Antione Grima ma setghux jikkonfermaw li kienu insterqu xi affarijiet minn fuq is-sit fejn kienu qed jahdmu u li huma waslu ghall-konkluzzjoni li kien insterqilhom xi haga meta ikkomunikaw maghhom il-pulizija. F'dan ir-rigward jigi rilevat li m'hemm assolutament xejn straordinarju li persuna derubata tigi infurmata mill-pulizija li hija setghet sfat debrubata u jkun biss wara verifiki li dik il-persuna tkun tista' tghid x'insteraq. Lanqas m'hija xi haga starordinarja li f'certi cirkostanzi persuna derubata ma tkunx tista tghid bi precizjoni x'affarijiet naqsu. Mill-provi processwali jirrizulta li s-sit ta' kostruzzjoni in ezami huwa wiehed kbir u jidher ukoll li travetti hemm hafna, uhud qed jintuzaw u l-ohrajn imxerrdin 'l hemm u 'l hawn lesti biex jintuzaw[39]. Aktar minn hekk jirrizulta mid-depozizzjoni

---

[36] Ref Pulizija vs Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader deciza 09/06/1998 b'referenza ghall dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet 'Teper v The Queen*' [1952]AC 480, 489.*

[37] Ref Pulizija vs Joseph Lee Borg Appell Kriminali deciza 15.06.1998.

[38] Anonima fis-sens li l-identita taghha ma gietx zvelata mill-pulizija ghaliex huma kienu jafu min hi din il-persuna.

[39] Ref ritratti a fol 87.

ta' l-ahwa Grima li t-travetti jimanifatturawhom huma u ma jzommux inventarju ta' x'jiehdu fis-sit. F'dan ic-cirkostanzi hija versoimili l-asserzjoni li Grima ma setghux jistabilixxu x' gie misruq. Dan pero m'ghandux necessarjament iwassal ghall-konkluzzjoni li ma nsteraq xejn u li hadd ma dahal fuq is-sit li kien taht il-kontroll taghhom. Mill-provi jirrizulta li hdejn il-karozza ta' l-imputati kien hemm numru ta' travetti. It-travetti ta' Grima kellhom kulur partikolari, red oxide, u dawk li nstabu il-Marsa kellhom l-istess kulur u jidhru ta'l-istess ghamla[40]; fuq kollox jirrizulta li Grima identifikawhom bhala taghhom. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li it-travetti li nstabu l-Marsa huma travetti ta' Grima li ttiehdu mis-sit ta' kostruzzjoni fis-Siggiewi.

Illi mill-provi processwali jidher ukoll li meta intervjenew l-pulizija wiehed mill-imputati kien qed jaghlaq il-bagoll tal-karozza, is-seat ta' wara kien imnizzel u fuqu kien hemm trab abjad. It-travetti kienu qehdin ma'l-art hdejn il-karozza, dawn ukoll kellhom trab abjad maghhom; anke l-flokk li kien liebes l-imputat Bejaoui kellu trab abjad mieghu. Aktar minn hekk l-pulizija innutaw grif kemm mal-glove compartment kif ukoll mal-plastic man-naha ta' gewwa tal-bieba tal-bagoll.

Illi f'dan l-istadju jkun relevanti li ssir referenza ghal dak li qalu l-imputati, dwar il-fatti ta' dak il-lejl u ghalfejn kienu qeghdin f'dik ir-remissa. Meta l-ewwel intervjenew il-pulizija l-imputati qalu i kienu hemm minhabba l-garaxxijiet u zwiemel; pero ma jirrizultax li l-imputati ghandhom xi garaxx hemm jew xi zwiemel. F'l-istqarrija tieghu l-imputat Scerri ftit li xejn jghid; jghid biss li ma jafx xejn dwar dawk it-travetti li nstabu hdejn il-karozza tieghu u li hu u Bejaoui marru f'dik ir-remissa biex isewwu l-lok tal-bieba tal-karozza u li kienu qed juzaw it-torch tal-mobile biex jaraw x'qed jaghmlu[41]. L-imputat Bejaoui ukoll ma jghidx wisq f'l-istqarrija tieghu; hu ukoll jghid li dawk it-travetti ma jaf xejn dwarhom u li kienu qeghdin fir-remissa dak il-hin biex jaghmlu l-affarijiet personali taghhom. Dwar it-trab li gie nutata fuq hwejjgu jghid li dak kien rizultat tal-fatt li kien ilu xi jumejn ma jinhasel. Meta ddepona quddiem il-Qorti, u issa li sar jaf x'kien qal l-imputat Scerri f'l-istqarrija tieghu, Bejaoui ukoll qal li marru fir-remissa biex isewwu il-karozza ta' Scerri. Pero f'l-istess depozizzjoni jghid li marru fir-remissa biex hu jissellef flus biex jghaddihom lil Scerri halli Scerri jkun jista' jsewwi l-karozza. Zied li l-persuna li rid jissellef il-flus min ghandha kien qed jghix f'wiehed mill-garaxxijiet ghaliex kien qed jaghmel xi xogholijiet fid-dar tieghu. Zied ukoll li malli gew il-pulizija huwa qal li din il-persuna biex jidhol gewa biex ma jinvolviex ruhu; din il-persuna ukoll baqghet anonima. Bejaoui jinsisti ukoll li t-travetti ma setghux jingarru fl-vettura ta' Scerri li hija wahda zghira.

Illi l-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni tghid li l-verzjoni mghotija mill-imputati, partikolarment Bejaoui, mhux biss hija kontradetta minn fatti ohra imma hija inverosimili ghall-ahhar, partikolarment l-asserzjoni (magmula anke minn Scerri) li

---

[40] Dan jista' jigi verifikat meta wiehed iqabbel ir-ritratti ta' dak li nstab il-Marsa (a fol 129/130) u mar-ritratti tas-sit (a fol87).
[41] Fir-remissa ma kienx hemm dawl.

huma hargu f'nofs ta' lejl biex isewwu l-karozza u li dak il-hin habbat ghand xi hadd biex jissellef il-flus biex jixtru dak mehtieg biex isewwuha; aktar inverosimili hija l-asserzjoni li marru jsewwu l-karozza f'l-aktar parti ta' gewwa tar-remissa, liema remissa m'ghandhiex dawl. Bejaoui jghid ukoll li malli nduna bil-pulizija qal lill-persuna li suppost kellha ssellfu l-flus biex tidhol 'l gewwa pero meta l-pulizija dahlu fir-remissa raw biss liz-zewg impjutati. Aktar minn hekk Bejaoui jasserixxi li t-travetti kienu kbar wisq biex joqghodu fil-karozza ta' Scerri pero anke hawn huwa kontradett ghaliex meta wiehed jara t-travetti fir-ritratti jirrizulat li facilment setghu jidhlu fil-karozza jekk ikollha s-seat imnizzel, kif fil-fatt kien meta waslu l-pulizija.

Illi rinfaccjata b'dan il-kwadru ta' fatti l-Qorti hija konvinta li l-provi indizzjarji migbura ghandhom iwasslu ghal konkluzzjoni wahda biss u cioe li l-imputati hadu travetti mis-sit ta' kostruzzjoni fis-Siggiewi, baqghu sejrin bihom il-Marsa u malli harguhom mill-karozza ta' Scerri intervjenew il-pulizija. Biex l-imputati irnexxielhom jidhlu fis-sit fejn kien hemm it-travetti huma kellhom iqacctu l-katnazz; dawn il-fatti kollha sehhew matul il-lejl. Konsegwentement jirrizulta s-serq aggravat bil-mezz u l-hin.

Illi dwar l-aggravvju tal-valur l-imputati jikkontendu li m'hemmx prova sufficjenti. Il-Qorti pero ma tikkondividiex dan il-hsieb. Kif diga ntqal in atti hemm esebita stima tat-travetti (ftit kbar u ftit zghar) li nstabu fir-remissa; l-istima hija ghal sebgha mitt Euro. Din l-istima hija wahda approssimattiva ghaliex kif spjegaw Josef u Antione Grima t-travetti jaghmulhom huma, u dawk li gew ritornati lilhom mhux kollha kienu ilhom jintuzaw ghall-istess zmien pero zgur li kollha kienu ghadhom tajbin ghax-xoghol. Tenut kont ta' dan u tenut kont tal-fatt li biex jissussisti l-aggravju tal-valur huwa mehtieg li l-oggetti misruqa jkollhom valur ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu l-Qorti hija sodisfatta li dan l-aggravju gie pruvat ukoll.

Illi ghalhekk l-ewwel imputazzjoni tirrizulta kif dedotta. La darba l-imputati qed jinstabu hatja ta' l-ewwel imputazzjoni l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni li hija alternattiva ghall-ewwel wahda.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati qed jigu addebietati ukoll bir-recidiva ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in sostenn ta' dan l-addebietu gew prezentati zewg sentenzi fil-konfront ta' kull wiehed mill-imputati.

Illi permezz tas-sentenzi datati 17 ta' Novembru 2016[42] u 11 ta' Mejju 2017[43] rispettivament wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, fosthom dak ta' serq aggravat[44], l-imputat Bejaoui gie ikkundannat prigunerija effettiva.

Illi permezz tas-sentenzi datati 11 ta' Jannar 2013[45] u 6 ta' Awiisu 2016[46] rispettivament wara li nstab hati tar-reati hemm indikati, fosthom ukoll dak ta' serq aggravat[47], l-imputat Scerri ukoll gie ikkundannat prigunerija effettiva.

Illi ghalhekk l-addebietu tar-recidiva fit-termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 gie sodisfacjentement pruvat fir-rigward taz-zewg imputati.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat Bejaoui qed jigi addebietat b'reat iehor u cioe dak ravvizat f'l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe il-ksur ta' xi kundizzjoni imposta ma'l-ghoti tal-helsien mill-arrest.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fil-21 ta' Mejju 2015 Bejaoui kien inghata l-helsien mill-arrest permezz ta' degriet mghtoi mill-Magistart Dr Claire Stafrace Zammit[48]. Fost il-kundizzjonijiet imposti permezz ta' dak id-degriet r-raba wahda kienet tesiegi li Bejaoui ma jikkommettiex reat iehor fil-perjodu ta' helsien mill-arrest[49] u li jirtira fir-residenza tieghu, 21 Sir William Reid Street Dingli, mhux aktar tard minn 12.00pm.

Illi mid-depozizzjoni ta'l-Ispettur Sarah Magri, li kienet l-ufficjal prosekutur fil-kaz li fih Bejaoui inghata l-helsien mill-arrest, ikkonfermat li dawn il-kundizzjonijiet qatt ma gew mibdula u li l-kaz kien gie deciz fis-sena ta' qabel, u ghalhekk fis-sena 2018, pero ma setghtex tiftakar id-data. Din id-data pero giet konfermata permezz tas-sentenza li kienet inghatat f'dak il-kaz; fil-fatt mis-sentenza esebita bhala Dok KB1 jirrizulta li dak il-kaz gie deciz mill-Qorti tal-Magitrati fis-26 ta' Novembru 2018. Konsegwentement jirrizulta ukoll li fil-21 ta' Mejju 2018 metta sehhew il-fatti mertu tal-proceduri odjerni l-kundizzjonijiet kienu ghadhom vigenti.

Illi l-indirizz ta' l-imputat kif indikat fid-degriet de quo huwa wiehed f'Had-Dingli; l-imputat jghid li huwa kien jghix il-Hamrun u li kien jiffirma f'l-ghassa tal-Hamrun. Jigi rilevat li l-obbligu ta'l-imputat f'dan ir-rigward kien li jinforma lill-pulizija bil-bdil fir-residenza tieghu u jidher li hekk kien sar ghaliex hu kien jiffirma f'l-ghassa tal-Hamrun. Huwa xorta kien obbligat jirrinkaza fil-12.00pm.

---

[42] Dok SF2 a fol 154.
[43] Dok SF3 a fol 158.
[44] L-ewwel imputazzjoni fit-tieni sentenza imsemmija.
[45] Dok SF4 a fol 158.
[46] Dok SF5 a fol 159.
[47] L-ewwel imputazzjoni f'l-ewwwel sentenza imsemmija, u l-ewwel zewg imputazzjonijiet fit-tieni sentenza.
[48] Ref Dok SF1 a fol 148.
[49] Ir-raba kundizzjoni

Illi fil-lejl in ezami zgur li l-imputat kien barra fil-11.45pm; hu jghid li kieku ma arrestawhx il-pulizija huwa kien jilhaq jasal id-dar sa nofs il-lejl, asserzjoni li l-Qorti ma tantx taccetta bhala veritjiera ghaliex meta intervjenew il-pulizija, dejjem skond il-verzjoni tieghu, huwa kien ghadu lanqas biss inghata l-flus minghand dik il-persuna. Aktar minn hekk il-karozza ta' Scerri kellha l-problemi biex tistarjta (skond ma jghidu l-imputati) u ghalhekk difficilment taccetta li f'kwarta kien ser ikknkluda s-self ma dik il-persuna, b'xi mod irnexxielhom jisstartjaw il-karozza u jmorru lura l-Hamrun.

Illi fi kwalunkwe kaz peress li bil-proceduri odjerni l-imputat qed jinstab hati ta' delitt volontarju: serq aggravat, m'hemm l-ebda dubbju li huwa kiser ir-raba kundizzjoni imposta fid-degriet tal-21 ta' Mejju 2015.

Illi l-imputazzjoni issa in ezami ghalhekk tirrizulta sodisfacjetement pruvata ukoll.

Ikkunisdrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati kull wiehed mill-imputati, u l-fedina penali refrettarja ta' kull wiehed minnhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267, 289 u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Annise Bejaoui** hati ta' l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **sentejn prigunerija**. Inoltre qeghda **tikkonfiska favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' ghaxart telef Euro (€10,000)** imposta bhala garanzija u qeghda ukoll **tirrevoka l-imsemmi digriet tal-21 ta' Mejju 2015 u tordna r-riarrest ta' l-imputat**. U

Fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(f), 263, 264, 267 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Christopher Scerri** hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah **tmintax il-xahar prigunerija**.

**DR. DOREEN CLARKE LL.D**
**MAGISTRAT**